**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mark Anthony Mercieca)**

**Vs**

**Josef D'Amato**

**Kaz Nru: 4/2019**

**Illum 5 ta' Gunju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Josef D'Amato**, detentur tal-karta tal-identita' numru 219494M:

Akkuzat talli nhar it-13 ta' Jannar 2019 u anka matul ix-xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew li tipprokura id-droga **kokajina**, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellek licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kont awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellek licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellek licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolarnenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew li tipprokura id-droga **herojina**, specifikata fl-ewwel skeda ta l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta persuna/i minghajr ma kellek licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kont awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellek licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellek licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolarnenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Bieghejt jew xort'ohra ttraffikajt il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-artikolu 8(e) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Kellek fil-pussess tieghek id-droga **kokajina** specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi

mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi ( G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghek**;

5. Kellek fil-pussess tieghek id-droga **herojina** specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi ( G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghek**;

6. Kellek fil-pussess tieghek il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghek**;

7. Ikkommettejt dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Nqast milli thares xi wahda, w/jew aktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), b'digriet moghti mill-Magistrat Dr C. Stafrace Zammit LLD li permezz tieghu inti nghatajt il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma tikkommettix reat iehor u li tiffirma gewwa l-ghassa tal-Marsa.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali a tenur tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputat fis-seduta tat-2 ta' April 2019 ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni wara li inghata zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

L-imputat gie akkuzat bir-reat ta' traffikar ta' droga ossija kokajina, herojina u kif ukoll cannabis; bil-pussess aggravat tal-istess sustanzi illeciti; li wettaq tali reati f'distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, klabb jew post simili fejn jiltaqghu z-zghazagh u li kiser il-kundizzjonijiet ta' digriet li permezz tieghu kien inghata l-helsien mill-arrest.

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi mix-xhieda tal-Ispettur **Mark Anthony Mercieca**[1] jirrizulta li bejn ix-xhur ta' Dicembru 2018 u Jannar 2019 il-Pulizija bdiet tissorvelja residenza numru 4, Triq it-Tigrija, Marsa u dan wara li kienet dahlet informazzjoni konfidenzjali li minn dan il-fond kien qieghed ikun hemm traffikar ta' droga. Fit-13 ta' Jannar 2019 sar raid gewwa l-imsemmi fond ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija. Huwa ddeskriva kif gie mibdul dan il-fond sabiex proprju jiffacilita' t-traffikar tad-droga u l-uzu taghha u kif ittiehdu hafna mizuri sabiex ma jkunx daqstant facli biex gewwa jigi accessat. Gewwa l-fond fil-hin tar-raid kien hemm tlett persuni, tnejn minnhom li xehdu f'dawn il-proceduri li gew arrestati u ghall-persuna l-ohra kellha tingieb ambulanza peress li kellu bzonn assistenza medika. L-ufficjal prosekutur spjega x'gie elevat minn fuq ix-xena fosthom karti b'cifri u anki inizjali u allegati sustanzi illeciti. Kien hemm diversi boroz tal-plastic minghajr kantunieri. Instabet ukoll kaxxa tal-hadid b'lewn orangjo li gewwa fiha kien pakkett iehor b'sustanza bajda gewwa fih, kien hemm banconota ta' €10, kien hemm flus zghar gewwa fiha, xafra u karta li fuqha kien hemm xi mowbajl numbers fuqha. Gewwa dak li huwa sejjahlu bhala ufficju fil-kantuniera fejn is-siggu wara desk fuq in-naha tax-xellug kien hemm zewg kontenoituri mimlijin bl-actu. L-imputat gie arrestat xi jiem wara ossija fil-15 ta' Jannar 2019 billi kien qieghed *wanted* fuq is-sistema tal-PIRS u hekk kif xehed PS918 Clayton Azzopardi meta twaqqaf huwa kien fl-akkwata ta' Marshall Courts fil-Gzira fi Triq Sliema huwa kkopera mal-pulizija u nghata d-drittijiet tieghu immedjatament u gie skortat fil-lock up. Eventwalment irrilaxxja stqarrija minn liema jirrizulta li l-imputat ma wegibx ghal hafna domandi.

Irid jigi wkoll issenjalat li nfethet ukoll inkjesta Magisterjali meta twettaq ir-raid fejn gew nominati diversi esperti. Il-pulizija kompliet bl-investigazzjoni u meta ttiehdet l-istqarrija ta' Ratima Rammi Rajab Ali dan qal li kien jinqeda minn dan il-fond ghall-ahhar erba' gimghat. Huwa kien mar biex jixtri l-kokajina.  Huwa ndika li kien certu Josef li kien jaqdih u li kien ikun gol-kamra li kienet qisha ufficcju. Kull darba li mar hemm kien ikun hemm Josef u li dakinhar dan Josef kien ilu li telaq madwar nofs siegha u kien dahal jiehu hsieb Jonathan Lee Borg.[2] Qal

[1] Seduta tat-13 ta' Frar 2019

[2] Ratima Rami Al Ragab irrilaxxja stqarrija guramentata u kkonferma l-istess quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2019

ukoll li Josef kien ighid li d-dar hija tieghu u jaf ukoll li apparti l-kokajina tinbiegh ukoll l-erojina. Huwa gharaf lill-imputat mill-photo spread sheet li gie muri.

Jonathan Lee Borg[3] stqarr li huwa ghandu l-vizzju tad-droga u li ghall-ahhar xahar kien qieghed imur jinqeda mill-post fejn gie arrestat. Dakinhar li gie arrestat kien xtara l-eroina. Huwa wkoll qal li kien jaqdih certu Josef D'Amato fejn indikah mid-diversi ritratti murija lilu. D'Amato kien hareg minn gewwa l-post u kien kmandah sabiex jehodlu hsieb l-affarijiet u qallu li kien jaf ezatt x'kellu u li kien se jahseb fih wara.

Mir-rapport tal-espert Gilbert Mercieca[4] li ezamina diversi esebiti li gew mghoddija lilu minn Dr Marisa Cassar liema ezebiti gew elevati mill-fond numru 4, Triq it-Tigrija, Marsa, irrizulta s-segwenti:

*Ghaldaqstant, mir-rizultati fit-Tabella 2 u 3, f'Sezzjoni 4, l-esponent, jikkonkludi:*

*Illi l-kampjuni mehudin mill-materjal abjad (01 A) u ta' trab kannella (01 B) li nstabu gewwa l-cashbox orango (gewwa l-evidence bag, P04436965) taw rizultat pozittiv ghall-prezenza ta' sustanzi ikkontrollati bil-Ligijiet ta' Malta skont l-ewwel skeda tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

> *Il-materjal abjad kien identifikat bhala kokaina, b'piz totali ta' 2.9327g. Il-persentagg medju kokajina fil-materjal kien ta' 50.14%, b'valur totali estimat ta' €143.70.*
>
> *It-trab kannella kien identifikat bhala tahlita ta' eroina, kaffeina u paracetamol, b'piz totali ta' 1.5940g. Il-persentagg medju eroina fil-materjal kien ta' 45.96%, b'valur totali estimat ta' €109.99.*

*Illi z-zewg kampjuni mehudin mill-materjal erbaceju li nstab gewwa l-pakkett tas-sigaretti (09) u gewwa l-borza sewda (24) taw rizultat pozittiv ghall-prezenza ta' sustanzi ikkontrollati bil-ligijiet ta' Malta (Cannabis (Δ9 -THC) skont l-ewwel skeda tal-Kap 101, tal-Ligijiet ta' Malta.*

> *Il-materjal erbaceju kien identifikat bhala partijiet mill-pjanta tal-Cannabis, b'piz totali ta' 1.6445g. Il-persentagg medju tal-cannabinoid*

---

[3] Jonathan Lee Borg irrilaxxja stqarrija guramentata u kkonferma l-istess quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2019

[4] Dok GM

> *Δ9 -THC fil-materjal kien ta' 11.14 u 14.76%, rispettivament b'valuri totai estimat ta' €31.25.*

*Illi kampjuni ta' trab kannella skur, mehud mill-borza tal-plastik ta' rziultat Negattiv ghall-prezenza ta' sustanzi kkontrollati bil-ligijiet ta' Malta skont l-ewwel skeda tal-Kap 101, tal-Ligijiet ta' Malta. Il-prezenza tal-kaffeina tindika li t-trab x'aktarx kien kafe' mahdum.*

*Illi kampjuni tar-residwi (swab) migbura minn fuq mizien elettroniku (06), is-swab mehud mix-xafra tas-sikkina (07), kif ukoll r-residwu migbur minn fuq bicca foil mehuda minn flixkun tal-plastik imtaqqab bi straw imdahhla (13) taw rizultat pozittiv (kokaina u eroina) ghall-prezenza ta' sustanzi ikkontrollati bil-ligijiet ta' Malta skont l-ewwel skeda tal-Kap 101, tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il-Perit Richard Aquilina irrediga pjanta[5] u mir-rapport tieghu jirrizulta li l-fond li minnha kienet qeghda tinbiegh id-droga li gie mmarkat bl-ittra X fuq il-pjanta jemergi li hemm tlett postijiet *Strictly 360 Dance Studio, Athletics Malta u Marsa White Stars* li jinsabu f'distanza ta' anqas minn mitt metru 'l boghod minnu.

Dr Marisa Cassar ezebiet ir-rapport taghha minn fejn jirrizulta li ezaminat numru ta' ezebiti li gew elevati mill-fond inkwistjoni fejn instab il-profil genetiku ta' Josef D'Amato. Fuq il-cash box ta' lewn orangju, il-profili genetici kienu mhalltin bejn ta' Josef D'Amato u ta' persuna ohra.

Abbazi tal-provi prodotti ghalhekk, apparti l-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti tqis li l-imputazzjoni gew sodisfacjentement ippruvati billi l-elementi li huma rikjesti sabiex tinstab reita' fl-imputazzjonijiet addebitati gew ippruvati sal-grad rikjest tal-ligi.

**Piena**

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata l-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-

[5] Dok RA a fol 76 tal-process

imputat, il-fedina penali tieghu, l-ammissjoni u l-ammont ta' droga li nstabet.

Oltre' dan, il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni r-rapport ta' Dr Kevin Sammut Henwood minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija ferm difficli. Mir-rapport jirrizulta li l-imputat ghandu problema akuta ta' addiction ghad-droga u huwa ghalhekk rakkomandat li jfittex l-ghajnuna ta' xi agenzija li tista' tghinu fl-imgieba tieghu u sabiex ma jabbuzax mid-droga. L-espert spjega li wiehed irid izomm ukoll f'mohhu l-istil tal-persunalita' li ghandu l-imputat u dan invista li ghandu livelli gholja ta' *negativistic* jew *passive aggressive traits* li jafu jinfluwenzaw il-progress tieghu waqt li jkun qed jiehu l-ghajnuna. L-espert ukoll irrakkomanda li l-imputat jinghata ghajnuna psikologika sabiex tghinu jifhem li certu strategiji li juza' (iddetaljati fir-rapport) mhumiex tajbin u ghalhekk jibda jfittex jibni mill-gdid certu aspetti tal-persunalita' li jistghu jitqiesu patologici.

Fid-dawl ta' dan kollu u fid-dawl tal-imputazzjonijiet, l-imputat se jigi kkundannat ghal prigunerija effettiva u ghal hlas ta' multa, izda wkoll li se jinhareg ordni ta' trattament sabiex fil-frattemp jibda jahdem fuqu nnifsu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat  ir-4 u s-6 Taqsima u l-artikoli 8(d), 8(e), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i), kif ukoll it-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-artikoli 17(f) u 579(2) tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sebgha u ghoxrin (27) xahar prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom – u ghall-hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500).

Inoltre' a tenur tal-istess artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali tordna l-konfiska ta' l-ammont ta' hamest elef u tlett mitt ewro (€5,300) li kienu gew imposti fuq l-istess Josef D'Amato inkwantu ghal €300 depozitu u

€5,000 bhala garanzija personali permezz tad-digriet moghti fit-30 ta' Mejju, 2018 mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit u dan ghaf-favur il-Gvern ta' Malta. Ghaldaqstant qieghed jigi ordnat ir-ri-arrest tal-istess imputat.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' ordni ta' trattament fil-konfront tal-hati ghal zmien sentejn bil-ghan li jeghleb il-vizzju tad-droga, partikolarment sabiex isegwi programm residenzjali u jattendi sessjonijiet ghal ghajnuna psikologika u okkorrendo ghajnuna psikjatrika skont kif jiddeciedu l-professjonisti.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qeghda tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' disat elef disa' mija u wiehed u erbghin Euro u ghoxrin centezmu (€9,941.20) rapprezentanti hlas tal-esperti nominati

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u ezebiti, Dokumenti MM2 u MM3, kif ukoll l-ezebiti kollha li gew analizzati mill-espert Gilbert Mercieca u li gew dettaljatament indikati fit-tielet pagna tar-rapport tieghu, u dan hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Prosekuzzjoni ghandhom zmien hmistax-il jum sabiex jipprezentaw nota li permezz taghha jindikaw jekk ghandhomx il-htiega li l-oggetti u s-sustanzi humiex mehtiega ghall-proceduri ohra.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikkometti reat jekk huwa ma jobdix id-direzzjonijiet moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation u professjonisti ohra fi hdan l-istess ufficcju.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**